**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

**(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Mark Simiana, LL.D**

*Rikors Numru 331/2024 MS*

**Raymond Dalli u Daphne Dalli**

**Vs.**

**Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali,**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat ta' l-Istat**

Illum, 27 ta' Marzu, 2025

Kawża Numru: 2Kost

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fil-5 ta' Lulju 2024 li permezz tiegħu, wara li huma ippremettew hekk:

Illi nhar id-9 ta' April tas-sena 2024, ir-rikorrenti Raynmond Dalli u Daphne ġew ordnati jipproċedu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara u dan sabiex jiġu minnhom mitkellma;

Illi minkejja illi r-rikorrenti qagħdu għall-ordinijiet tal-Pulizija Eżekuttiva u aċċedew fl-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara, huma ma ġewx mitkellma mill-Pulizija Eżekuttiva iżda ġew minflok notifikati b'ċitazzjoni u għalhekk b'ordni sabiex jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-16 ta' April 2024 u dan sabiex jirrispondu għall-akkużi li jirrisalu għad-data tat-22 ta' April tas-sena 2023;

Illi in vista tal-fatt illi l-udjenza kienet skedata ħames t'ijiem tax-xogħol biss wara d-data appena msemmija, u in vista tal-fatt illi skond il-liġijiet proċedurali ritwali mhuwiex meħtieġ illi talba għal differiment tintalab bis-saħħa ta' rikors, l-avukat ta' fiduċja ta' l-esponenti dehret fl-udjenza tas-16 ta' April 2024 u għarrfet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illi r-rikorrenti kienu jinstabu fuq btala barra minn Malta, arranġamenti fir-rigward ta' liema kienu saru ferm qabel il-jum tad-9 ta' April 2024;

Illi minkejja dan, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) xorta waħda qieset opportun li tordna fil-konfront ta' kull wieħed mir-rikorrenti l-ħruġ ta' mandat ta' arrest għall-udjenza tal-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa w għoxrin (2025);

Illi permezz ta' digriet tal-24 ta' Mejju 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rrikjamat il-kawża għal nhar id-disgħa (9) ta' Lulju 2024 u dan wara rikors intavolat minn Konrad Farrugia nhar is-16 ta Mejju 2024 (Dok. A);

Illi r-rikorrenti għandhom raġunijiet tajba jippreżumu illi l-proċeduri kontra tagħhom ttieħdu fuq rapport jew kwerela ta' Konrad Farrugia, b'dan pero illi f'dan l-istadju tal-proċeduri Konrad Farrugia ma jistgħax jitqies għall-finijiet u effetti tal-liġi illi huwa parte ċivili kif minnu mistqarr;

Illi di piu, l-imsemmi rikors li Konrad Farrugia ma kellux il-jedd li jintavola u li huwa miżgħud bi stqarrijiet inveritiera, ma ġiex notifikat lir-rikorrenti b'dan għalhekk illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet it-talba ta' persuna li mhijiex parti fil-proċeduri li l-Pulizija Eżekuttiva ntavolat kontra l-esponenti mingħajr ma semgħet x'kellhom xi jgħidu r-rikorrenti odjerni;

Illi nhar il-25 ta' April 2024 ir-rikorrenti ntavolaw rikors li permezz tiegħu talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jogħġobha: (i) tiddikjara illi n-notifika taċ-ċitazzjoni fuq kull wieħed mir-rikorrenti fiċ-ċirkostanzi hemm imfissira saret bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kwindi nulla u mingħajr effett; u (ii) tirrevoka *contrario imperio* l-mandat ta' arrest maħruġ fil-konfront tar-rikorrenti Raymond Dalli u Daphne Dalli;

Illi permezz ta' digriet tal-11 ta' Ġunju 2024 (Dok. B), il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ċaħdet it-talba u dan billi ddeċidiet *inter alia* kif isgewi:

*"Illi jidher illi l-imputati gew moghtija ic-citazzjoni fl-Ghassa tal-Pulizija u mhux fid-dar residenzjali taghhom, pero' din inghatat f'idejhom fejn dawn jidher li accettaw tali notifika.*

*Illi ghalhekk din il-Qorti ma' tistax tiddeciedi illi din ir-riferta hija nulla u bla effett kif qed jitolbu l-imputati, kif ukoll illi l-imputati naqqsu li jipprezentaw mar-rikors minnhom intavolat datat 25 t' April 2024, prova tramite dokumenti, rigward is-safar taghhom u ghalhekk il-Qorti ged tichad it-talbiet maghmula minnhom u qed izzom ferm  l-ordni tal-mandat t'arrest fir-rigward ta' l-imputati"*

Illi nhar is-26 ta' Ġunju 2024, ir-rikorrenti ntavolaw rikors ieħor li miegħu ġew mehmuża l-biljetti tal-ajru bħala prova illi l-esponenti ma kellhomx il-ħsieb li jonqsu mir-rispett lejn l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan peress illi jirriżulta mill-istess dokumenti mhux biss d-data tat-tluq u d-data tar-ritorn tagħhom minn Malta iżda saħansitra d-data li fiha ġew mixtrija l-istess biljetti b'dan illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ċaħdet it-talba u dan peress illi fis-sapjenza ta' l-imsemmija Onorabbli Qorti kienet ġia ġiet deċiża talba simili (Dok. C);

Illi skond ma jipprovdi l-kodiċi ritwali, u ċioe skond il-proċedura inċiża fl-Artikoli 362 u 363 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, n-notifika ta' l-atti għandha ssir li fil-ħinijiet, fil-lok u bil-mod hemm stabbilit, u mhux bil-mod li jidhirlu xieraq il-Kummissarju tal-Pulizija, biex b'hekk il-konsenja ta' l-att ġudizzjarju fuq kull wieħed mir-rikorrenti fl-għassa tal-Pulizija nhar id-9 ta' April 2024 fejn huma ġew ordnati jirrikorru għal dan il-għan għandu jitqies li seħħ b'mod abbużiv u llegali u b'mod li jirrendi n-notifika nulla u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Illi l-fatt illi l-esponenti laqgħu l-att ġudizzjarju fiċ-ċirkustanzi msemmija, sajma ta' lajċi li huma mid-dettami preċiżi tal-liġijiet proċedurali, ma jista' qatt jkollu effett sanatorju kif qieset il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), mhux inqas fuq l-iskorta tal-prinċipju *quod nullum est, nullum producit effectum;*

Illi l-mandat ta' arrest maħruġ fil-konfront tar-rikorrenti għalhekk mhux talli mhuwiex mistħoqq, iżda talli l-eżekuzzjoni tiegħu ser twasssal għat-tkasbir tal-liberta' u d-drittijiiet tar-rikorrenti b'mod arbitrarju u għalhekk bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan kemm il-darba jirriżulta li n-notifika mhiex waħda valida u in linea mad-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta u illi r-rikorrenti għamlu dak kollhu meħtieġ sabiex juru illi qatt ma kien il-ħsieb tagħhom li jonqsu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mir-rispett lilha dovut;

Peress ukoll illi d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li biħ ġiet milqugħa t-talba ta' Konrad Farrugia li, se mai f'dan l-istadju tal-proċeduri, ma jistgħax jitqies bħala parte ċivile għall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 410(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li fi kwalunkwe każ għandu biss il-jedd li jeżerċita dawk il-jeddijiet elenkati fl-Artikolu 410(1) Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema jeddijiet ma jinkludux il-jedd li huwa jressaq rikors, mingħajr ma ġie l-istess rikors notifikat qabel xejn lill-akkużati, jikser id-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrenti Raymond Dalli u Daphne Dalli.

ipproċedew biex talbu lill-Qorti jogħġobha:

1. Tagħti mizura *interim* (*"interim measure"*) billi tordna, pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri, is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest ordnat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tar-rikorrenti fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija v Raymond Dalli u Il-Pulizija v. Daphne Dalli;

2. Tagħti mizura *interim* (*"interim measure"*) billi tordna, pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri, s-soprassessjoni tal-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija v Raymond Dalli u Il-Pulizija v. Daphne Dalli;

3. Tiddikjara li għar-raġunijiet hawn premessi, id-dritt fundamentali tar-rikorrenti u/jew min minnhom għall-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarju ai termini ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ġie jew ser jiġi miksur;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-notifika taċ-ċitazzjoni fuq ir-rikorrenti Raymond Dalli u Daphne Dalli saret mill-Pulizija Eżekuttiva b'mod illegali w abbużiva u konsegwentement tħassar u tannulla id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikaturi Kriminali tal-11 ta' Ġunju 2024 fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija v Raymond Dalli u Il-Pulizija v. Daphne Dalli;

5. Tiddikjara li għar-raġunijiet hawn premessi, id-dritt fundamentali tar-rikorrenti u/jew min minnhom għall-smiegħ xieraq ai termini l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ġie jew ser jiġi miksur;

6. Tillikwida kumpens ghall-ksur hekk stabbilit;

7. Tikkundana lill-intimati jew min minnhom iħallasu lir-rikorrenti jew min minnhom il-kumpens hekk stabbilit;

8. Tagħti kull provvediment ieħor li jidrilha li huwa xieraq u opportun sabiex ir-rikorrenti jiġu reintegrati fil-posizzjoni li kienu fiha qabel ma seħħet il-vjolazzjoni.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Avukat tal-Istat fl-1 t'Awwissu 2024[1], li permezz tagħha huma kkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti b'dawn ir-raġunijiet:

**<u>Eċċezzjonijiet dwar it-talbiet għall-miżuri provviżorji</u>**

1. Illi permezz tal-ewwel żewġt talbiet, ir-rikorrenti qiegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, sakemm tinqata' l-kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali mibnija fuq allegat ksur tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, tagħti żewġt miżuri proviżorji fis-sens: 1) li jiġi sospiż l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest ordnat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u 2) li jkun hemm is-soprassessjoni tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Raymond Dalli u Daphne Dalli';</u>**

2. Madankollu, l-esponenti minnufih u bla tlaqliq jgħidu li fil-każ preżenti ma hemmx raġunijiet tajba għaliex għandhom jinħarġu miżuri ad interim sabiex jiġi sospiż l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest u sabiex ikun hemm is-soprassessjoni tal-proċeduri fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Raymond Dalli u Daphne Dalli'</u>**;

3. L-esponenti jitilqu billi jagħmlu referenza għad-deċiżjoni **<u>Edward Cassar vs Avukat Ġenerali et</u>** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar 2016, fejn ġie aċċenat li biex jingħata rimedju proviżorju bħal dan jeħtieġ illi jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li tkun qed titolbu. Bħala prinċipju ta' dritt, l-għoti tar-rimedju proviżorju m'għandux ikun ir-regola kull meta jkun hemm xilja ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun, iżda għandu jkun mezz **<u>eċċezzjonali u straordinarju</u>** li tiġi adottata b'mod ristrett għall-aħħar (ara *inter alia* **<u>Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali</u>** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Jannar 2017);

4. Karen Reid fil-ktieb tagħha *"A Practitioners' Guide to the European Convention on Human Rights"* (2019) f'paġna 20 sostniet:

   *"As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferribbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases."*

[1] Fol.24.

5. Illi fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fuq ir-rikorrenti li juru li (a) għandhom dritt *prima facie* li nkiser; u (b) ħsara irrimedjabbli f'każ li ma tinħarigx il-miżura provvizorja. Illi dawn iż-żewg rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jiġu milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti (ara **<u>Alfred Degiorgio vs L-Avukat Ġenerali et</u>**, deċiża fit-22 ta' Mejju 2018 u **<u>Rosette Thake et vs Prim Ministru et</u>**, deċiża fid-9 ta' Ġunju 2016);

6. Għalhekk sabiex jingħataw interim measure (ara f'dan is-sens il-provvediment fl-ismijiet **<u>HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et</u>** mogħti fis-16 ta' Ġunju 2020 u d-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti hekk kid presjeduta fl-ismijiet **<u>Jane Refalo sive Jane Mizzi Refalo vs L-Avukat tal-Istat</u>** deċiż fit-12 ta' Lulju 2022) irrid:

   a) ikun hemm *prima facie* ksur,
   b) ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrenti,
   ċ) jeżisti riskju imminenti,
   d) tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura u
   e) f'każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju;

7. Illi ċertament l-ebda minn dawn ir-rekwiżiti m'huma sodissfatti. Jibda biex jingħad li n-notifika taċ-ċitazzjoni saret skont il-liġi u għalkemm ir-rikorrenti kienu jafu bis-seduti, kisru, iktar minn darba, l-ordni tal-Qorti sabiex jidhru quddiemha. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma ħaditx deċiżjoni sabiex ir-rikorrenti jitressqu b'mandat t'arrest b'mod arbitru iżda ħadet id-deċiżjoni wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha. Wara li r-rikorrenti ma dehrux quddiem Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u reġgħu baqgħu ma dehrux, fis-sewwa l-Qorti ħarget mandat t'arrest. Għalhekk, jirriżulta ċar li ma hemm l-ebda ksur *prima facie*. Ir-rikorrenti kellhom kull opportunita' li jitolbu revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-Qorti, bħal li għamlu, u anki li jressqu appell wara s-sentenza finali u għalhekk ir-rikorrenti ċertament għandhom rimedju ordinarju;

8. Ikun xieraq li jiġi sottolineat ukoll, li r-rikorrenti m'humiex ħa jsofru riskju imminenti u ħsara irrimedjabbli. Dan għaliex il-kawża għadha fi stadju tant bikri, li r-rikorrenti u l-prosekuzzjoni għad iridu jressqu l-provi kollha u tingħata sentenza finali. Ma jfissirx li billi r-rikorrenti tressqu quddiem Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali awtomatikament ħa jinstabu ħatja. Terġa u tgħid, il-proċeduri quddiem Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għadhom pendenti, u għalhekk ma għandniex kwistjoni ta' ġudikat. Jekk l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest ma jiġix sospiż u ma jkunx hemm is-soprassessjoni tal-proċeduri żgur u mhux forsi m'hu ħa jkun hemm l-ebda ħsara fuq ir-rikorrenti li ma tkunx tista' titreġġa lura u għalhekk ma jeżistux l-estremi fil-liġi

sabiex tingħata tali miżura temporanja (ara d-digriet **Matthew Sammut vs Ministeru għall-Politka Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u l-Avukat tal-Istat** mogħti fit-13 ta' Ottubru 2022 d-digriet mogħti fis-16 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet **Mary Grech vs L-Avukat tal-Istat et** u d-digriet fil-15 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet **Dr Patrick Spiteri vs L-Avukat tal-Istat et**);

9. Ta' min iżomm quddiem għajnejh li fil-passat riċenti l-Qorti Kostituzzjonali rrifjutat li tagħti rimedju provviżorju biex ġuri kriminali jiġi sospiż sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet: **Joseph Camilleri vs Avukat Ġenerali**, mogħtija fl-1 ta' Lulju 2013 u **Rosario sive Sario Sultana vs Avukat Ġenerali et**, deċiża fis-27 ta' Frar 2017). Terġa u tgħid, l-istess Qorti f'sitwazzjoni oħra ma laqgħetx talba għal miżura temporanja sabiex jiġi sospiż ordni ta' tneħħija minħabba li l-Qorti dehrilha li r-rikorrent ma kien ressaq l-ebda xrara ta' prova, lanqas mad-daqqa t'għajn, li huwa kien sejjer iġarrab xi preġudizzju jekk jintbagħat lura lejn il-pajjiż tan-nisel tiegħu (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Stephen Nana Owusu vs Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et**, li ġiet mogħtija fit-13 ta' April 2018);

10. Ikun idoneu li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Angela Muscat vs L-Avukat tal-Istat et** deċiża fid-19 ta' Settembru 2023 mill-Qorti Kostituzzjonali, fejn simili ħafna għal każ li għandna quddiemna, ma laqgħetx talba għal ordni proviżorja sabiex twaqqaf ordni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) meta kien hemm ordni ta' żgumbrament u ordni ta' protezzjoni kontra r-rikorrenti;

11. L-esponenti umilment jaraw li fil-każ odjern ma hemmx kwistjoni gravi jew ta' urġenza u lanqas straordinarja li toħloq ħsara reali, imminenti u rriparabbli fuq il-ħajja u l-persuna tagħha kif jirriżulta mis-sentenzi u siltiet hawn fuq ċitati. Barra minnhekk, f'dan il-każ ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali, lanqas *prima facie* u r-rikorrenti naqsu milli jġibu prova li hemm xi tip ta' riskju imminenti. Ir-rikorrenti m'huma sejrin iġġarrbu l-ebda ħsara rrimedjabbli fuq il-ħajja u l-persuna tagħhom jekk ma jkunx hemm soprassessjoni tal-proċeduri quddiem Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-ordni tal-mandat t'arrest jibqa' fis-seħħ. Għalhekk bl-ebda mod ma jista' jitqies lir-rikorrenti ser ibagħtu preġudizzju **li jkun irrimedjabbli** jekk l-*interim measure* ma jinħarigx kif mitlub;

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

12. Illi in linea preliminari, il-Kummissarju tal-Pulizija ġie imħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri peress li r-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, liema lmenti, jirrispondi għalihom l-esponent Avukat tal-Istat. Konsegwentement, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

13. Illi in linea preliminari wkoll, din l-azzjoni hija waħda għallkollox bikrija u prematura għaliex il-proċeduri kriminali kontrihom għadhom ma ngħalqux. F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li qabel wieħed jista jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem huwa siewi li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless u t-totalita' kollu tiegħu. Allura l-ilment imqanqal mir-rikorrenti jista' jiġi biss eżaminat ladarba jkun hemm deċiżjoni finali u *res judicata*;

14. Illi in linea preliminari wkoll, hemm il-fatt l-ieħor sew magħruf fid-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali li azzjoni bħal din għandha titressaq kemm jista' jkun wara li jintużaw ir-rimedji ordinarji kollha. Ir-rikorrenti dejjem jistgħu jappellaw mid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati jew mis-sentenza finali jekk ma jkunux kuntenti u jħossuhom aggravati bl-eżitu tagħhom. Tabilħaqq mhuwiex xogħol ta' din l-Onorabbli Qorti li toqgħod tiddeċiedi fuq ħwejjeġ li setgħu ġew deċiżi mill-qorti ordinarja kompetenti. Kif ingħad f'bosta sentenzi kostituzzjonali, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant fil-qrati kriminali li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-mezzi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq (ara **Emmanuel sive Leli Camilleri vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Diċembru 2000);

15. Għalhekk fid-dawl tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari, l-esponenti qegħdin umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha taħt l-*proviso* tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

**Eċċezzjonijiet fil-mertu**

16. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti;

17. Illi jibda billi jingħad li ma hemm l-ebda ksur tal-**artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** peress li meta persuna tikser ordni tal-Qorti, senjatament meta dik il-persuna hija obbligata li tidher quddiem dik il-Qorti, ikun meħtieġ u ġust li l-Qorti tagħti dawk il-provedimenti meħtieġa, inkluż ħruġ ta' mandat t'arrest jew skorta, sabiex dik il-persuna tiżgura li tattendi għas-seduta u dan anki skont l-**artikolu 364 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta'Malta**;

18. Illi r-rikorrenti kienu obligati li jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-16 t'April 2024 iżda qabdu u ma dehrux għaliex allegatament kienu imsifrin. Għalhekk il-Qorti ddiferit is-seduta għad-9 ta' Lulju 2024, sabiex jidhru l-akkużati, qua rikorrenti, b'mandat t'arrest. Konvenjentement, ir-rikorrenti telqu mid-dar dakinhar

sabiex ma jkunux jistgħu jitressqu b'mandat t'arrest u għal darb' oħra kisru l-ordni tal-Qorti u ma dehrux għas-seduta. Ir-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li jagħmlu li jridu mingħajr ma jkun hemm l-ebda konsegwenzi;

19. Illi bla ħsara għall-premess, sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan ma huwiex mistħoqq. Ċertament ma kien hemm l-ebda indħil mill-esponenti rigward id-dritt tar-rikorrenti għall-ħajja privata u tal-familja. L-esponenti jeċepixxu li fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti ħa jitressqu l-Qorti b'mandat t'arrest wara li kisru ordni tal-Qorti u għalhekk ifisser illi l-limitazzjoni tad-dritt għat-tgawdija għall-ħajja privata kif sanċita bl-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** hija waħda legali, proporzjonata u għandha għan leġittimu;

20. Illi biex jinstab leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita' kollha tiegħu. Bħala regola, biex wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali individwali imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kienux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara **<u>Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et</u>** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). Meta wieħed jiġi biex jifhem kif japplikaw l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (Ara Kost. 4.8.1999 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Fenech vs. Avukat Ġenerali</u>** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213)). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (Kost. 18.8.1998 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et</u>** (Kollez. Vol: LXXXII.i.158, a fol. 225));

21. Illi f'dan il-każ partikolari ċertament ma hemmx nuqqas ta' smigħ xieraq għaliex ir-rikorrenti allegatament ġew notifikati biċ-ċitazzjoni li skonthom saret bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak li jrid l-**artikolu 362 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** hu li ċ-ċitazzjoni jew tingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi mħarrka, u dan kif sar f'dan il-każ, jew titħalla fid-dar fejn is-soltu tgħix dik il-persuna f'każ li ma tistax tinstab. Iċ-ċitazzjoni ingħatat f'idejn ir-rikorrenti waqt li kienu l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara u huma volontarjament aċċettaw in-notifika;

22. Illi sewwasew fil-każ odjern r-rikorrenti ma jistgħux jgħidu li kienu fl-għama rigward l-ewwel u t-tieni dehra tagħhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaliex huma kienu notifikati ħamest ijiem qabel l-ewwel seduta

fejn setgħu għamlu rikors tramite l-avukat tal-għażla tagħhom fejn informaw lill-Qorti li ħa jkunu imsiefrin u jannettu l-biljetti tal-ajru filwaqti li jitolbu differiment. Huma kienu wkoll konsapevoli bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datat 24 ta' Mejju 2024 fejn ġiet rikjamata s-seduta għal nhar id-9 ta' Lulju 2024 u dan anki kif ġie spjegat fir-rikors promotur. Madankollu r-rikorrenti baqgħu ma dehrux għas-seduiti mingħajr ma għamlu rikors għall-differiment bid-dokumenti sabiex jikkorroboraw dan u hawnhekk japplika perfettament il-massimu *commodum ex injuria sua non habere debet;*

23. Ili b'din il-kawża, huwa ċar li r-rikorrenti qegħdin jinqdew b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali sabiex joqgħodu jduru mal-lewża u wara li wettqu dawn ir-reati jipprovaw jiskansaw l-konsegwenzi u jinħelsu mill-akkużi sabiex akkost ta' kollox ma jweġbux għall-aġir tagħhom. Ċertament d-drittijiet fundamentali mhumiex intiżi sabiex persuna tittanta tinħeba u ma tweġibx għal għemilha. Wara kollox ir-rikorrenti misshom ħasbuha sew qabel ma wettqu ir-reati li għamlu, mhux issa qegħdin jippretendu li jingħataw xi tip ta' trattament preferenzjali;

24. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat ir-risposta preżentata mir-Reġistratur intimat fit-30 t'Ottubru 2024[2], li permezz tagħha huwa eċċepixxa kif ġej:

1. Illi in linea preliminari jigi eccepit illi l-eccipjenti Registratur Qrati u Tribunali Kriminali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi attrici u għalhekk għandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2. Illi mir-rikors taghhom jidher li r-rikorrenti qed jattribwixxu l-ilmenti taghhom ghal procedura adoperata fil-konfront taghhom sabiex gew notifikati mill-Pulizija Ezekuttiva kif ukoll għad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati ghal hrug ta' mandat t'arrest fost affarijiet ohra u ghar-ragunijiet segwenti, l-esponenti zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabli.

3. Illi f'dan ir-rigward primarjament ssir riferenza ghal kawza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal li r-Registratur tal-Qrati m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.

[2] Fol.83.

4. Illi in oltre l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:

'Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht I- ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir- rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.'

5. Illi l-esponenti jirrileva illi huwa ma kellu ebda kontroll fuq dawn il-proceduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u għalhekk zgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti;

6. Illi multo magis il-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht l-ebda dipartiment governattiv u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u f'dan il-kuntest 1-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:
'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi- u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.'

7. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti joghgobha tichad in toto t- talbiet tar-rikorrenti bl-spejjez kontra l-stess rikorrenti.

4. Semgħet ix-xhieda prodotti;

5. Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali li r-rikorrenti jsostnu li ġarrbu b'rabta ma' proċeduri kriminali li jinsabu għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

9. Il-fatti rilevanti huma dawn:

- fil-5 t'April 2024, ġiet preżentata mill-Kummissarju tal-Pulizija ċitazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti b'akkużi taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali riferibbilment għad-data tat-22 t'April 2023[3]. Fiċ-ċitazzjoni, hemm indikat li r-reat seħħ fil-konfront ta' Konrad Farrugia. Il-kawża ġiet appuntata għas-16 t'April 2024;
- ir-rikorrenti xehdu li fid-9 t'April 2024, huma ġew mitkellma mill-Pulizija biex jattendu l-Għassu ta' Birkirkara dakinhar stess qabel il-ħamsa ta' filgħaxija. Ir-rikorrenti jgħid li għalkemm huwa jkun xogħol sas-sitta ta' filgħaxija, telaq kmieni mix-xogħol biex jobdi l-ordni li ngħatatlu minħabba l-aġitazzjoni li kellha martu[4]. Meta waslu l-Għassa, ġew infurmati li kellhom jidhru l-Qorti fis-16 t'April. Ir-rikorrenti Daphne Dalli qalet li ingħatat "karta" u ntalbet tiffirma[5]. Meta huma qalu lill-Pulizija li kienu se jsiefru, il-Pulizija qalulhom biex jgħaddu kopja tal-biljetti tal-ajru lill-avukat tagħhom. Ir-rikorrenti Daphne Dalli ċemplet lill-avukat[6]. Mix-xiehda mogħtija mill-avukat tar-rikorrenti, irriżulta li huma ingħataw iċ-ċitazzjoni biex jidhru fil-Qorti[7]. L-istess avukat xehdet li ma sarx rikors għal differiment minħabba li kien hemm żmien qasir bejn in-notifika u l-udjenza, u minflok dehret hi u talbet id-differiment verbalment;
- fil-fatt waqt l-udjenza tas-16 t'April 2024[8], quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ir-rikorrenti ma dehrux, u minflokhom dehret l-avukat tagħhom li nfurmat lill-Qorti li r-rikorrenti, hemmhekk imputati, kien msiefrin. Il-Prosekuzzjoni eżebiet riferti pożittivi fil-konfront tar-rikorrenti, u l-Qorti tal-Maġistrati ordnat il-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront tagħhom u ħalliet il-kawża għall-11 ta' Marzu 2025;

---

[3] Fol.42.
[4] Ara x-xiehda bl-affidavit tar-rikorrent Raymond Dalli, a fol.77.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit tar-rikorrenti Daphne Dalli, a fol.78.
[6] Ara x-xiehda in kontro-eżami tar-rikorrenti Daphne Dalli, a fol.98.
[7] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Dr. Sarah Vassallo Ciliberti, a fol.81.
[8] Fol.47.

- ir-riferti eżebiti fil-proċeduri penali juru li r-rikorrenti ġew notifikati personalment fl-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara fid-9 t'April 2024[9];
- b'dikriet mogħti fl-24 ta' Mejju 2024[10], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrikjamat il-kawża għad-9 ta' Lulju 2024, wara rikors li ġie preżentat minn Konrad Farrugia fis-16 ta' Mejju 2024[11]. Dan ir-rikors ġie dekretat mingħajr ma ġew notifikati r-rikorrenti jew il-Kummissarju tal-Pulizija;
- fil-11 ta' Ġunju 2024[12], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ċaħdet talba tar-rikorrenti magħmula b'rikors tal-25 t'April 2024[13] sabiex jiġi revokat il-mandat t'arrest kif ukoll sabiex in-notifika taċ-ċitazzjoni tiġi dikjarata nulla;
- ir-rikorrenti ressqu rikors ieħor fis-26 ta' Ġunju 2024[14] li bih talbu mill-ġdid ir-revoka *contrario imperio* tal-mandat t'arrest li nħareġ fil-konfront tagħhom. Ma' dan ir-rikors huma eżebew il-biljetti tal-ajruplan b'rabta mas-safra li wasslet għall-assenza tagħhom fl-udjenza tas-16 t'April 2024. Din it-talba ġiet miċħuda b'dikriet mogħti fis-27 ta' Ġunju 2024[15];
- fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2024[16], ir-rikorrenti ma dehrux. Ġew preżentati riferti negattivi fil-konfront tagħhom u l-Qorti ordnat li l-mandat li kien maħruġ fil-konfront tagħhom jibqa' fis-seħħ. Il-kawża ġiet imħollija għat-12 ta' Novembru 2024.

10. Qabel tgħaddi biex tqis it-talbiet tar-rikorrenti fil-meritu tagħhom, il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjonijiet tal-intimati dwar in-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tagħhom, kif ukoll l-eċċezzjoni li r-rikorrenti għad għandhom rimedju ordinarju għad-dispożizzjoni tagħhom.

Ikkunsidrat:

[9] Fol.48-49.
[10] Fol.6.
[11] Fol.50-51.
[12] Fol.61-62.
[13] Fol.54-56.
[14] Fol.65-67.
[15] Fol.68.
[16] Fol.64.

11. Illi l-kwistjoni dwar il-leġittimazzjoni passiva tal-intimati f'kawżi kostituzzjonali hija kwistjoni li titqanqal sikwit. Il-Qorti tagħraf li n-nozzjoni tal-leġittimazzjoni passiva, li huwa istitut ta' indoli proċesswali ċivili, isib applikazzjoni wkoll fl-isfera ta' azzjonijiet dwar drittijiet fundamentali. Kemm fid-dritt proċedurali ċivili u kemm fil-kuntest ta' azzjonijiet dwar drittijiet fundamentali, huwa neċessarju li l-parti mħarrka jkollha l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tirrispondi għat-talbiet li jkunu qed isiru mill-parti attriċi. Dan l-interess ġuridiku, u l-estensjoni tiegħu, aktarx ivarja skont jekk l-azzjoni tkunx waħda prettament ċivili jew inkella dwar drittijiet fondamentali. Però huwa paċifiku li kull parti mħarrka għandu jkollha dak l-interess.

12. L-interess tal-parti mħarrka huwa essenzjalment kostitwit bl-interess ta' dik il-parti li tikkontradixxi t-talbiet tal-parti attriċi. Proprju minħabba f'hekk il-lingwaġġ forensi nissel il-frażi tant użata «leġittimu kontradittur». Huwa biss min għandu interess li jikkontradixxi dawk it-talbiet li jista' jitqies leġittimament imħarrek. L-interess tal-kontradittorju huwa inerenti fejn kontra l-parti mħarrka jiġu attribwiti fatti jew omissjonijiet li jikkostitwixxu l-għajn tal-vjolazzjoni tad-dritt tal-parti attriċi. Ġie sewwa spjegat «*... il convenuto deve essere il contradditore legittimo alla domanda dell'attore; cioè colui dal quale, volontariamente o non, proviene l'impedimento ossia "lo stato di violazione" del diritto dell'attore...*»[17] (ara fl-istess sens id-deċiżjoni ***Bernard Zammit vs. Emmanuele Formosa et,*** Appell Superjuri, 11 ta' Ġunju 1948[18]).

13. Issa fil-kuntest ta' azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fondamentali, l-interess tal-kontradittorju u tal-parteċipazzjoni fil-ġudizzju jitwessa', tant li ġie deċiż b'mod konsistenti li f'din ix-xorta ta' azzjonijiet hemm kategoriji differenti ta' intimati. Kif ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Joseph Abela vs. L-Onorevoli Prim'Ministru*** (Qorti Kostituzzjonali, 7 ta' Diċembru 1990)[19]:

> F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradittURI ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-

[17] ***Mortara***, Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, Vol.II, §473.
[18] Kollezz. Vol.XXXIII.i.662.
[19] 7 ta' Diċembru 1990 – Kollezz. Vol.LXXIV.i.261.

> persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.

14. Issa fil-każ odjern huma tnejn l-intimati li jgħidu li m'humiex leġittimi kontradittur i.

15. Il-Kummissarju tal-Pulizija jsostni li huwa ġie mħarrek inutilment għaliex għall-ilmenti tar-rikorrenti jwieġeb l-Avukat tal-Istat waħdu.

16. Il-Qorti ma taqbilx li l-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija f'din il-kawża mhux neċessarja. Fil-proċeduri penali istitwiti kontra r-rikorrenti u li xprunaw dawn il-proċeduri, il-Kummissarju intimat huwa delegat bil-Prosekuzzjoni mingħand l-Avukat Ġenerali fit-termini tal-artikolu 347A tal-Kodiċi Kriminali. Huwa għalhekk il-Prosekutur u għalhekk parti fil-proċeduri li dwarhom din il-Qorti qed tintalab tagħti ordnijiet u rimedji, u għalhekk biss huwa neċessarju li jkun parti fil-proċeduri sabiex kull ordni jew rimedju li jista' jingħata jkun vinkolanti fil-konfront tiegħu ukoll, kif maħsub fl-artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Wara kollox, huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li huwa mgħobbi bid-dover li jeżegwixxi l-mandat t'arrest ordnat mill-Qorti tal-Maġistrati, u li għat-tneħħija tiegħu ħadu din l-azzjoni r-rikorrenti.

17. B'żieda ma' dan, parti mill-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq dak li huma jsejħu notifika nulla taċ-ċitazzjoni, liema notifika ġiet proprju eżegwita minn dan l-intimat. Hawnhekk ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija għandu l-interess li jikkontradixxi dan l-ilment tar-rikorrenti, u b'hekk il-preżenza tiegħu fil-kawża hija neċessarja[20].

18. Għalhekk din l-eċċezzjoni, sa fejn saret mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija, qed tiġi miċħuda.

19. Il-konklużjoni tal-Qorti però hija diversa għal dak li jirrigwarda r-Reġistratur intimat. Fil-konfront tiegħu ma saret ebda xilja min-naħa tar-rikorrenti li tista' twassal biex

---

[20] F'sens konformi ma' dak ikkunsidrat hemm id-deċiżjoni ***Joseph Grech vs. L-Avukat Ġenerali*** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2025).

jinħoloq fih l-interess tal-kontradittorju, u l-preżenza tiegħu lanqas ma hija neċessarja sabiex jiġi mħares il-prinċipju tal-integrità tal-ġudizzju għal dak li jirrigwarda t-twettiq u l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet jew rimedji li jistgħu jingħataw minn din il-Qorti.

20. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Carmelo sive Charles Delia et vs. Ir-Reġistratur tal-Qrati in rappreżentanza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali inferjuri et*** (Qorti Kostituzzjonali, 25 t'April 1990)[21], ir-Reġistratur «... *"għandu jieħu l-ordnijiet mingħand l-awtorità ġudizzjarja". Minn imkien ma jirriżulta li huwa għandu s-setgħa li jirrappreżentaha*». Effettivament l-ilmenti tar-rikorrenti, salv fejn huma diretti għall-operat tal-Kummissarju intimat, jirrigwardaw il-kondotta tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Huwa miżmum li l-leġittimazzjoni passiva f'azzjonijiet kontenenti lmenti dwar l-imġieba tal-Qrati hija vestita fl-Avukat tal-Istat (ara per eżempju ***Anthony Pace vs. Avukat Ġenerali et***, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Novembru 2001; kif ukoll ***Edmond Mugliette vs. Reġistratur tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili***, Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 12 ta' Ġunju 2002).

21. Għalhekk din l-eċċezzjoni tar-Reġistratur intimat hija tajba u jistħoqqilha tiġi milqugħa.

Ikkunsidrat:

22. Illi jmiss issa li tiġi kkunsidrata l-eċċezzjoni tal-intimati li baqgħu fil-kawża dwar in-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji. Fir-risposta tagħhom, dawn l-intimati jsostnu illi din il-kawża hija prematura billi tirrigwarda proċeduri oħrajn li għadhom pendenti. Isostnu li lmenti dwar smigħ xieraq għandhom jiġu kkunsidrati biss meta l-proċeduri li minnhom jitnisslu dawk l-ilmenti jkunu intemmu, sabiex il-Qorti b'setgħat kostituzzjonali tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tiżen dawk il-proċeduri fl-assjem u fit-totalità tagħhom, u mhux billi tħares lejn parti biss minnhom.

23. Huwa fatt li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti għadhom pendenti. Din il-Qorti però tara li l-pendenza ta' dawk il-proċeduri hija aktar kwistjoni attinenti għall-<u>meritu</u> tal-ilmenti tar-rikorrenti milli għall-eċċezzjoni tar-rimedju ordinarju. Sabiex tintlaqa' eċċezzjoni dwar id-disponibilità ta' rimedju ordinarju, huwa meħtieġ li jintwera li r-

---

[21] Kollezz. Vol.LXXIV.i.91.

rikorrent għandu rimedju ieħor taħt il-liġi ordinarja għad-dispożizzjoni tiegħu li jista' jkun ta' fejda għal dak l-istess rimedju, mingħajr garanzija ta' suċċess.

24. Issa l-ilment tar-rikorrenti – fondat jew mhux – huwa li l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati li permezz tiegħu inħareġ mandat t'arrest fil-konfront tagħhom minħabba l-assenza tagħhom fl-udjenza tas-16 t'April 2024 jikser id-dritt tagħhom għall-protezzjoni minn detenzjoni arbitrarja, għal smigħ xieraq u għat-tgawdija tal-familja u tal-ħajja privata. Kontra din l-ordni, r-rikorrenti ressqu bosta rikorsi li kollha ġew miċħuda, u ma jistgħux jappellaw mid-dikrieti li permezz tagħhom ġew miċħuda t-talbiet tagħhom qabel ma tiġi deċiża l-kawża kontrihom[22], f'liema waqt il-mandat impunjat ikun ġie eżegwit.

25. Fil-fehma ta' din il-Qorti, <u>f'dan l-istadju</u> ir-rikorrenti m'għandhomx rimedju ordinarju li għadhom ma utilizzawx. Il-Qorti hija tal-fehma li sabiex jiġi deċiż jekk persuna għandhiex jew le rimedju ordinarju wieħed neċessarjament irid iħares lejn in-natura tar-rimedju li dik il-persuna tkun qed tfittex fil-proċedura kostituzzjonali. Jekk id-deni li dwaru dik il-persuna qed tfittex rimedju kostituzzjonali jista' jew seta' jitneħħa permezz ta' rimedju taħt il-liġi ordinarja, il-Qorti jkollha d-diskrezzjoni li tiddeklina s-setgħat tagħha. Jekk id-deni li dik il-persuna tgħid li huwa minaċċjat fil-konfront tagħha ma jistax jitneħħa b'rimedju ordinarju, mela allura l-eċċezzjoni loġikament għandha tiġi respinta.

26. Dan naturalment ma jfissirx li r-rikorrenti għandhom raġun fir-rimedju li qed ifittxu. Ifisser biss li r-rimedju li qed ifittxu ma jistax jingħata ħlief minn din il-Qorti. Fil-każ odjern, il-liġi ordinarja tat rimedju lir-rikorrenti sabiex jevitaw il-fatt li skonthom jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom, u ċjoè t-talba għar-revoka *contrario imperio* tal-mandat t'arrest. Rimedju li huma eżerċitaw bla suċċess diversi drabi.

27. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk il-Qorti se tkun qed tiċħad l-eċċezzjonijiet relattivi.

Ikkunsidrat:

[22] Artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali.

28. Illi qabel ma tgħaddi biex tqis it-talbiet tar-rikorrenti fil-meritu, huwa xieraq li l-Qorti tqis it-talbiet tar-rikorrenti għal miżuri provviżorji.

29. Huwa miżmum li provvediment li permezz tiegħu il-Qorti tilqa' jew tiċħad talba għal miżura provviżorja huwa klassifikat bħala dikriet interlokutorju, u għalih japplika għalhekk dak li jipprovdi l-artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (ara per eżempju ***Muktar Usman vs. L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et***, Qorti Kostituzzjonali, 19 ta' Settembru 2023).

30. Matul is-smigħ tal-kawża, ir-rikorrenti ma talbux għall-għoti ta' dawn ir-rimedji permezz ta' dikriet, u minflok iddeduċew it-talbiet tagħhom fir-rikors promotur sabiex jiġu deċiżi mas-sentenza finali. Dan però ma jidhirx li huwa ritwali billi jqajjem kwistjonijiet ta' appellabilità li huma irrikonċiljabbli. Id-dikrieti interlokutorji jistgħu jiġu appellati biss taħt ċertu ċirkostanzi u kondizzjonijiet, u f'termini speċifiċi, filwaqt li għas-sentenzi jgħoddu termini u regoli differenti. Għal din ir-raġuni biss il-Qorti se tkun qed tastjeni milli tqis dawn it-talbiet, sabiex ir-rikorrenti jkunu liberi li jipproponuhom fil-forma korretta u ritwali jekk jidhrilhom opportun li jagħmlu dan.

31. F'kull każ, illum hemm bosta deċiżjonijiet mill-Qrati Maltin li jqisu liema huma ċ-ċirkostanzi li bis-saħħa tagħhom ikun ġustifikat il-ħruġ ta' ordnijiet *ad interim* kif mitlub mir-rikorrenti. Il-pożizzjoni prevalenti li titnissel minn eżami tad-deċiżjonijiet l-aktar rilevanti dwar din il-materja hija li ordni bħal dak ma jkunx f'loku li jingħata kemm-il darba min jitolbu ma juriex li, mad-daqqa t'għajn, tassew ġarrab jew aktarx se jġarrab vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu, u kif ukoll li mingħajr dak l-ordni, l-ħsara li jista' jġarrab tkun irreparabbli, u ċjoè ħsara li ma tistax titreġġa' lura lanqas b'ordni ta' din il-Qorti mogħti fis-sentenza finali tagħha (ara ***Rosette Thake et noe vs. L-Onor. Prim Ministru et***, Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 9 ta' Ġunju 2016; ***Yorgen Fenech vs. L-Avukat tal-Istat et***, Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 26 ta' Novembru 2020). Fid-deċiżjoni ***Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 2 ta' Ġunju 2014) intqal:

> Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess

> ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;
>
> Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha;

32. Fid-deċiżjoni ***Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*** (Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Jannar 2017) ġie osservat:

> Fl-ewwel lok jiġi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. [*Q.Kost.* **Federation of Estate Agents v. Direttur Generali** *[Kompetizzjoni, deċiża 25 ta' Settembru 2014*]

33. Ma jidhirx li l-każ odjern jirrientra fil-kategorija ta' "urġenza estrema" indikata minn din il-ġurisprudenza. Kemm hu hekk, waqt il-kors tal-kawża r-rikorrenti qatt ma aċċennaw għall-ħtieġa ta' rimedju provviżorju avolja jidher li kien hemm mill-inqas żewġ udjenzi tal-proċeduri penali fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża.

34. B'danakollu l-kwistjoni ta' irritwalità imsemmija aktar qabel, li hija ta' ordni pubbliku la darba titwieled mil-liġi tal-proċedura, twassal biex it-talbiet ma jiġux miċħuda imma li l-Qorti ma tqishomx aktar.

Ikkunsidrat:

35. Niġu għalhekk għall-meritu tal-ilmenti tar-rikorrenti.

36. L-ilment ewlieni tagħhom, kif riżultanti mir-rikors kif ukoll mis-smigħ tal-kawża, huwa l-fatt li huma ġew soġġettati għal mandat t'arrest ordnat mill-Qorti fuq is-saħħa ta' notifika li huma jsejħu invalida. Dan l-ilment ir-rikorrenti jappoġġjawh fuq l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt, l-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni jgħid:

> Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri –
> ...
> (e) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti jew quddiem il-Kamra tad-Deputati fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' dik il-Kamra;
> ...

37. Huwa evidenti għalhekk li l-ordni mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati għall-ħruġ ta' mandat t'arrest kontra r-rikorrenti huwa wieħed mill-każjiet espressament previsti mill-Kostituzzjoni bħala ċirkostanza li ma twassalx biex persuna titqies ipprivata mil-libertà personali tagħha inġustament.

38. Issa r-rikorrenti jgħidu li dak l-ordni tal-Qorti huwa żbaljat għaliex huma qatt ma ġew notifikati skont il-liġi. Dwar dan, din il-Qorti tosserva li:

    i. assolutament m'hijiex il-funzjoni tagħha li taġixxi bħala Qorti ta' reviżjoni fuq id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali f'dak li jirrigwarda episodji interlokutorji rilevanti għall-proċeduri penali li jkunu qed jinstemgħu minn dik il-Qorti[23]. Ir-rikorrenti ressqu l-eċċezzjoni tagħhom kontra n-notifika msemmija quddiem dik il-Qorti li ddeċidiet dwarha, u l-fatt li ma għoġbithomx dik id-deċiżjoni ma jfissirx li d-drittijiet fondamentali tagħhom ġew vjolati;
    ii. l-iskop tan-notifika huwa biex il-persuna li tirċievi l-att tkun mgħarrfa bil-kontenut tiegħu ħalli tkun tista' tieħu azzjoni biex tħares il-jeddijiet proprji

[23] Ara f'dan is-sens id-deċiżjonijiet ***Agrimalt Limited et vs. Awtorità ta' l-Ippjanar*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 10 ta' Settembru 2001); ***Domenico Savio Spiteri vs. Avukat Ġenerali et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 2 t'Ottubru 2001); ***Joseph Galea vs. Avukat Ġenerali et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 14 ta' Diċembru 2001); ***Fatiha Khallouf vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 28 ta' Diċembru 2001); ***Andrew Ellul Sullivan et vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 8 ta' Lulju 2004); ***Victor Micallef vs. Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 9 t'Ottubru 2001).

tagħha. Dan l-iskop intlaħaq meta ċ-ċitazzjoni ingħatat personalment lir-rikorrenti;

iii. għalkemm mhux tant rilevanti għal din il-kawża, in-notifika tar-rikorrenti fl-Għassa tal-Pulizija wara li ġew imsejħin biex jattendu hemmhekk ma tidhirx irregolari jew invalida, fit-termini tal-artikolu 362 tal-Kodiċi Kriminali u tal-artikolu 4(1)(a) tar-Regolamenti dwar il-Metodu ta' Notifika tal-Atti Ġudizzjarji[24];

39. Għalhekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tordna l-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront tar-rikorrenti minħabba li kienu assenti fl-udjenza quddiemha hija deċiżjoni li tidher radikata fuq il-liġi, u l-ilment tar-rikorrenti bażat fuq l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jfalli.

40. Il-Qorti wkoll ma tistax ħlief tinnota li r-rikorrenti, għalkemm ippreżentaw diversi rikorsi fl-atti tal-proċeduri penali, naqsu milli jattendu għal xi waħda mill-udjenzi quddiem dik il-Qorti. Dan anki meta l-mandat t'arrest, għal xi raġuni, ma ġiex eżegwit. Fuq bażi ta' probabbilità, id-dehra volontarja tar-rikorrenti fl-udjenzi setgħet twassal biex dak il-mandat ma jibqax fis-seħħ u qatt ma jiġi eżegwit. Minflok, ir-rikorrenti għażlu li ma jattendux għas-seduti, minkejja li bla dubju ta' xejn kienu jafu bl-udjenzi la darba għamlu rikorsi f'dawk l-atti u allura kellhom għarfien tagħhom.

41. Dan l-aġir tar-rikorrenti jsaħħaħ il-konvinċiment ta' din il-Qorti li mhux biss il-ħruġ tal-mandat t'arrest fil-konfront tagħhom imma wkoll l-eżekuzzjoni tiegħu huma neċessarji u għalhekk leġittimi.

42. L-ilment tar-rikorrenti li l-mod kif saret in-notifika tagħhom jikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq ukoll huwa bla fondament. L-iskop tan-notifika taċ-ċitazzjoni huwa li l-persuna akkużata tkun mgħarrfa biex qed tkun mixlija u bil-jum u l-ħin li fihom għandha tidher quddiem il-Qorti biex twieġeb għax-xiljiet li saru fil-konfront tagħha. Dan l-iskop ġie milħuq bil-kunsinna taċ-ċitazzjoni lir-rikorrenti, irrispettivament minn jekk dik il-kunsinna saritx fir-residenza tagħhom jew f'xi lok ieħor. L-assenza tagħhom fil-jum u l-ħin setgħet ma wasslux biex il-kawża tiġi deċiża – ir-rikorrenti għad

[24] Liġi sussidjarja 9.22.

għandhom kull opportunità li jidhru quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali sabiex jagħtu x-xiehda tagħhom u sabiex iressqu l-provi li jidhrilhom li għandu jressqu. Għalhekk ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-jedd tas-smigħ xieraq minħabba l-mod kif saret in-notifika.

43. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talbiet tagħhom għat-tħassir tal-mandat t'arrest. Din il-Qorti diġà qalet illi mhux il-funzjoni tagħha li tirrevedi d-dikrieti interlokutorji tal-Qorti tal-Maġistrati, li tinsab fl-aħjar qagħda li tirregola l-proċeduri li jkollha quddiemha. F'kull każ, l-assenza persistenti tar-rikorrenti mill-proċeduri penali għandha l-effett li tirrendi kull kumment ieħor fuq l-ilment tagħhom superfluwu.

44. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li l-akkoljiment tar-rikors ta' Konrad Farrugia biex il-kawża kriminali tiġi rikjamata, mingħajr in-notifika tagħhom, jikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.

45. Għal dan l-ilment jgħoddu sewwa sew is-sottomissjonijiet kontenuti fir-risposta tal-intimati kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom dwar il-ħtieġa li l-proċeduri ordinarji li minnhom jitnissel l-ilment ikunu mitmuma (ara f'dan is-sens ***Av. Larry Formosa nomine vs. L-Avukat Ġenerali***, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Novembru 2019, u r-rassenja ta' ġurisprudenza hemmhekk kontenuta). Ma ġie b'ebda mod imfisser jew spjegat kif ir-rikorrenti ġarrbu preġudizzju bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tressaq 'il quddiem is-smigħ tal-kawża kriminali. Deċiżjoni li, solitament, tferraħ lil kull persuna konnessa ma' dik il-proċedura għaliex tista' twassal biex dik il-proċedura tintemm qabel fiż-żmien. Huwa biss min huwa interessat li jtawwal il-proċedura, għal raġunijiet tiegħu, li jista' jħossu preġudikat minn deċiżjoni bħal dik.

46. Finalment, ir-rikorrenti ilmentaw ukoll minn ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ilment li huma ma spjegaw u ma fissru b'ebda mod. Il-fattispeċi tal-każ odjern iwasslu lill-Qorti biex tqis li anki dan l-ilment huwa infondat, billi ebda fatt li rriżulta mill-provi ma jista' remotament jitqies li jwassal għall-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti taħt dak l-artikolu.

47. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) tilqa' l-eċċezzjonijiet tar-Reġistratur intimat u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

(ii) tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati Avukat tal-Istat u Kummissarju tal-Pulizija;

(iii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u tat-tieni talbiet tar-rikorrenti billi tqishom irritwali;

(iv) tilqa' l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimati Avukat tal-Istat u Kummissarju tal-Pulizija;

(v) tiċħad il-kumplament tat-talbiet tar-rikorrenti;

(vi) fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tordna lir-rikorrenti jbatu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur